**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 75/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Redent Pace**
**(ID 422390(M))**

**Illum, 28 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Redent Pace ta' 26 sena, iben Gioacchino u Rita nee` Gatt, imwieled il-Pieta` nhar it-30 ta' Awwissu 1990, residenti gewwa 12, Triq il-Monsinjur Falzon, Msida u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 422390(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Mejju 2017 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-

Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fil-11 ta' Mejju 2017 u fis-sena ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

5) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

In kwantu l-piena li ghandha tigi nflitta f'dan il-kaz, semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri kienet pjuttost bikrija, apparti wkoll illi huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrijiet rilaxxjati minnu u kif iddikjara wkoll l-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017. Tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputat m'hijiex wahda allarmanti u tikkonsisti f'kundanna wahda dwar reati taht il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-kundanna tifforma l-mertu tas-sitt imputazzjoni ossia l-addebitu tar-recidiva.

Tqis mill-banda l-ohra n-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll illi fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu l-imputat ammetta li huwa kien qieghed fil-post fejn gie arrestat proprju sabiex ibiegh id-droga li nstabet fil-vicinanzi, liema droga huwa ammetta li kienet tieghu, li kien ser ibiegh din id-droga bil-prezz ta' €20 jew €10 skont il-piz, li biegh id-drogi eroina u kokaina matul it-tliet ijiem ta' qabel u li f'dan il-perjodu biegh b'madwar seba' mitt Euro (€700) f'eroina u kokaina.

Qieset ukoll l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat. Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta illi huwa nghata dokument wiehed li kien fih is-segwenti: *Evidence bag* li tikkontjeni: i) *pouch* tad-drapp ta' lewn vjola li fih erba' boroz tal-plastik li fihom qratas tal-plastik bi trab ta' lewn kannella u trab ta' lewn abjad; ii) landa tal-hadid li fiha qartas tal-plastik u bicca *foil* irrumblata b'ticpis ta' lewn iswed/kannella.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella f'dan id-dokument, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab ta' lewn kannella kien ta' 9.01 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 18%. In oltre fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad, instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab ta' lewn abjad kien ta' 5.43 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 22%. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi b'kollox kien hemm 56 qartas bil-kokaina u 49 qartas bl-eroina, apparti l-qartas tal-plastik misjub separatament fil-landa tal-hadid u *foil* li rrizultat fil-pozittiv ghall-eroina.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet min-naha l-wahda u fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet min-naha l-ohra. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena ta' multa tassattiva applikabbli ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u fir-rigward tal-piena ta' multa li qeghda tapplika dwar il-hames imputazzjoni, in kwantu din tirreferi ghas-sena ta' qabel il-11 ta' Mejju 2017. Altrimenti in kwantu tirreferi ghall-11 ta' Mejju 2017, din l-imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), 17(f), 17(h) u 49 tal-Kap. 9, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva - li minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati b'din is-sentenza – u piena ta' multa ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi

jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.
Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti x-Xjenzat Godwin Sammut (mahtur fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz) u Dr. Martin Bajada (mahtur f'dawn il-proceduri), ossia s-somma ta' mitejn Euro u tnejn u tmienja u hamsin centezmu (€202.58), rapprezentanti l-ispejjez konnessi man-nomina tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' tliet mija, tlieta u tmenin Euro u hamsin centezmu (€383.50), rapprezentanti l-ispejjez konnessi man-nomina tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti b'kollox dawn l-ispejjez ghas-somma ta' hames mija, sitta u tmenin Euro u tmien centezmi (€586.08). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sentejn mil-lum.

In oltre ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap. 9, tikkundanna lill-hati wkoll ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, li sal-lum ghadhom ma pprezentawx ir-relazzjoni taghhom u ghal dan il-ghan, il-Qorti qeghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jigu stabbiliti dawn l-ispejjez.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument JC6 favur il-hati, fil-waqt illi tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga li jifformaw parti mill-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

Tordna ghal dan il-ghan illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat